ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 36/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 31/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 4 ta' Diċembru 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra bil-laqgħa li kienet ser issir mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-proġett tal-*breakwater*. Il-Viċi Chairman qal hu xtaq li jkun preżenti għal din il-laqgħa pero' nhar ta' Ġimgħa, hu ma jkunx jista'. Is-Sur Debono qal hu kien l-uniku mill-Kumitat li bagħat joġġezzjona dwar il-proġett kif kien propost. Is-Sur Refalo lmenta dwar il-fatt li l-Kumitat ma kienx konsultat dwar il-laqgħa pubblika li kienet ser issir f' Marsalforn dwar il-*breakwater*.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 35/2012</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 35/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 35/2012

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Stima ta' Christ Xuereb għal gradi tal-ħadid għal Triq il-Port (€90 għal kull grada). Il-Kumitat approva li jsiru ħames gradi tal-ħadid.

Stima tal-Perit biex jinbidlu l-bankini fi Triq il-Munġbell u f' parti minn Triq il-Qbajjar u għall-pavimentar ta' Triq ir-Rabat, dik il-parti tat-triq li tiżbokka fil-port u Triq San Ġużepp. Il-Kumitat qabel li japplika mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex jingħata finanzjament mill-UIF biex isiru bankini ġodda fi Triq il-Munġbell u Triq il-Qbajjar u l-bankini jsiru tal-*porfido slabs*.

Dwar il-*water culvert* propost li jsir fi Triq il-Munġbell, kien miftiehem li tintalab stima tax-xogħol lill-*handyman* tal-Kunsill.

Iċ-Chairperson issospendiet l-Aġenda biex indirizza lill-Kamra l-Inġinier Renzo Curmi.

Dwar il-*lamp-posts* tal-*front* ta' Marsalforn, ġie deċiż li s-salvavita għal kull *lamp-post* kif rakkomandat mill-Inġ. Curmi ma jsirux għalissa. Iċ-Chairperson qalet naraw x' se jiġri mill-proġett tal-*front* biex ma jsirux spejjeż għal xejn.

Dwar il-*lamp-posts* ġodda li l-kuntrattur ordnat iwaħħal fi Triq Santa Marija, ġie deċiż li l-kuntrattur għandu jingħata sal-31 ta' Jannar 2013 biex ilesti x-xogħol.

Memo 49/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2013.

Ittra mibgħuta mir-Rettur tal-Knisja San Pawl Marsalforn dwar il-festi Pawlini li jsiru f' Marsalforn. Il-Kumitat qabel li bis-sehem tal-Banda Santa Marija Żebbuġ u bil-kollaborazzjoni tal-Komunita' ta' Marsalforn jorganizza manifestazzjoni ta' arti, fidi u kultura fit-toroq ewlenin ta' Marsalforn.

Memo 45/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Il-Kumitat qabel li japplika minn din l-iskema għall-finanzjament tal-*water culvert* propost li jsir fi Triq ix-Xagħra.

Komunikat ta' Christine Steege fejn ilmentat dwar il-*lamp-post* ta' quddiem l-appartament tagħha fi Triq il-Port. Ma kienx hemm qbil li dan il-*lamp-post* jinqala'.

## 5. MILIED 2012

Għall-festi tal-Milied, il-Kumitat qabel li:

- isir tiżjin jiddendlu festuni fi Pjazza San Pawl Triq l-Isqof Pace mill-Kumitat Armar tal-Festa Żebbuġ – stima ta' €500.
- l-ikla tal-Milied issir għand Smugglers Restaurant nhar it-8 ta' Jannar 2013 f' nofsinhar.

Il-Kumitat approva stima ta' Francois Saliba għal bini ta' ħajt tal-ilqugħ fi Triq il-Wied ta' Marsalforn (stima tal-materjal u xogħol €1,100).

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

KAM 43/2012 – is-Sur George Sacco
Irrapporta ħsara li saret bix-xita fi Triq il-Wied ta' Marsalforn (fuq il-wiċċ tat-triq).

## 7. MATERJA OĦRA

Iċ-Chairperson għaddiet lis-Segretarja Eżekuttiva lista ta' *items* għal Marsalforn li tista' ssir talba għalihom lill-Kumpanija Blues Limited. Is-Segretarja Eżekuttiva kienet ser tgħaddi din il-lista lis-Sur Fenech Soler ta' Blues Limited.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***